MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2010

Appell Civili Numru. 1244/2002/1

**Korporazzjoni Enemalta**

**v.**

**Penza Construction Ltd. u Penza Tarmac Ltd**

**Il-Qorti:**
**Preliminari**

Dan hu appell ad istanza tas-socjetajiet konvenuti minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' April 2008 li cahdet l-eccezzjonijiet taghhom u laqghet it-talba attrici bl-imghaxijiet kif mitluba u bl-ispejjez kontra l-

istess socjetajiet, liema sentenza sejra tigi hawn riprodotta fl-intier taghha ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell.

**"Il-Qorti;**

"Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentata fl-4 ta' Novembru, 2002 li permezz tagħha s-soċjeta` attriċi ppremettiet:

"Illi fl-4 ta' Diċembru, 2001 is-soċjetajiet konvenuti kienu qegħdin jagħmlu xi xogħlijiet f'Burmarrad Road, Burmarrad fejn jinsabu 33 kV *underground cables* li huma proprjeta` tal-Korporazzjoni attriċi.

"Illi waqt illi kienu qegħdin jagħmlu l-imsemmija xogħlijiet huma kkaġunaw danni lill-*cables* appartenenti lill-Korporazzjoni attriċi, li jammonta għas-somma ta' sebat elef, mija u seba' Liri Maltin u dsatax-il ċenteżmu (Lm7,107.19).

"Illi s-soċjetajiet konvenuti ġew interpellati diversi drabi sabiex iħallsu s-somma dovuta minnhom lill-Korporazzjoni attriċi, iżda huma baqgħu inadempjenti.

"Jgħidu għalhekk is-soċjetajiet konvenuti jew min minnhom għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

"1. tiddikjara lis-soċjetajiet konvenuti jew min minnhom responsabbli għad-danni kaġunati lill-Korporazzjoni attriċi.

"2. tikkundanna lill-istess soċjetajiet konvenuti *in solidum* jew min minnhom iħallsu s-somma ta' sebat elef, mija u seba' Liri Maltin u dsatax-il ċenteżmu (Lm7,107.19).

"Bl-ispejjeż kontra s-soċjetajiet konvenuti, inklużi dawk tal-ittri uffiċjali datata Ġunju 2002, u bl-imgħaxijiet mid-data tal-ħsara tal-effettiv pagament, kontra l-istess soċjetajiet konvenuti minn issa nġunti in subizzjoni.

"Rat id-dikjarazzjoni tal-Korporazzjoni attriċi maħlufa minn Dr. Damian Degiorgio, numru tal-karta tal-identita` 103075(M), u l-lista tax-xhieda.

"Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet, ippreżentata fl-4 ta' Frar, 2003, li permezz tagħha s-soċjetajiet konvenuti eċċepew:

"1. Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jiġu respinti bl-ispejjeż kontra l-Korporazzjoni attriċi *stante* illi ma huwiex minnu li s-soċjetajiet konvenuti, jew min minnhom, huma responsabbli għad-danni allegati mill-Korporazzjoni attriċi, kif ser jiġi pruvat iktar dettaljament fil-kors tal-kawża odjerna.

"2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, huwa l-oneru tal-Korporazzjoni attriċi li tipprova min kienet il-persuna li kkaġunat il-ħsara li allegatament kienet il-kawża diretta tad-danni allegati mill-istess Korporazzjoni attriċi, *stante* illi din ir-responsabbilta` wkoll qegħda tiġi kontestata mis-soċjetajiet esponenti;
"3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, id-danni allegati mill-Korporazzjoni attriċi huma eċċessivi u kontestati mis-soċjetajiet esponenti.

"Rat id-dikjarazzjoni tas-soċjetajiet konvenuti maħlufa minn Carmelo Penza, numru tal-karta tal-identita` 9855(M) u l-lista tax-xhieda.

"Rat l-atti proċesswali kompriżi l-affidavits preżentati fil-kors tal-kawża u semgħet il-provi.

"Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet.

"Ikkunsidrat;

"Illi kif jidher ċar miċ-ċitazzjoni din hija kawża fejn qed jintalbu danni għal kolpa akwiljana. Huwa paċifiku li l-ħsara ġiet ikkawżata meta s-soċjetajiet konvenuti kienu qed jagħmlu xi xogħlijiet li kien jinkludi t-tħaffir tat-toroq għaliex għalkemm it-tieni eċċezzjoni hija fis-sens li kien l-oneru tas-soċjeta` attriċi li tipprova min ikkawża l-ħsara allegata, irriżulta ċar ħafna li dan ġie kkawżat minn ħaddiema tagħhom iżda huma (is-soċjetajiet konvenuti) qed jallegaw li l-ħsara ġrat għaliex il-korporazzjoni attriċi

ma ndikatilhomx sewwa fejn kienu l-*cables* in kwistjoni, u allura t-tort għal dak li ġara huwa attribwibbli lill-istess korporazzjoni.

“Qabel ma tidħol fil-kwistjoni l-Qorti ser tagħti riassunt tal-provi li nġabru għaliex huwa naturali li f’sitwazzjoni simili dan huwa mportanti. L-ewwel ma xehed kien Charles Fenech, *senior principal technical officer* mal-korporazzjoni attriċi, li qal li fil-jum in kwistjoni rċieva telefonati li kien inqata’ d-dawl fl-akkwati u allura kkuntattja lil Joe Penza li ltaqa’ miegħu fuq il-post. Penza kellu miegħu lill-Perit Stuart Azzopardi li kien inkarigat mill-proġett u skond ix-xhud il-perit qallu li l-ħsara ġrat għaliex kienu raw il-pjanti li kienu għaddewlhom bil-maqlub. Dan ix-xhud esebixxa wkoll affidavit u ġie preżentat ieħor ta’ Ronald Vella (fol. 21). Dan tal-aħħar ikkonferma tista’ tgħid dak illi qal Fenech illi qal ukoll li l-kuntrattur (is-soċjetajiet konvenuti) kienu wkoll ingħataw struzzjonijet mingħand il-*jointers* tal-korporazzjoni.

“Ġiet ukoll esebita l-okkorrenza mis-Surġent Attard a fol. 31. Skond din l-okkorrenza Penza ammetta t-tort u pprometta li kellhom iħallsu d-danni. Permezz ta’ nota a fol. 55 il-korporazzjoni rriduċiet marġinalment it-talba għal sitt elef, disa’ mija, erbgħa u tmenin Lira Maltin u erbgħa u tmenin ċenteżmu (Lm6,984.84) u ppreżentat prospett tad-danni reklamati kkonfermat mix-xhud Eric Montfort.

“Is-soċjetajiet konvenuti ppreżentaw affidavit ta’ Carmel Penza a fol. 38. Dan qal li fl-2001 is-soċjetajiet imsemmija kienu qed iwettqu xogħlijiet f’Burmarrad u li kienu qed iqegħdu toroq ġodda u jħaffru *culverts* u jiksu bit-*tarmac*. Qal li meta jsir dan it-tip ta’ xogħol huma jitolbu l-koperazzjoni ta’ diversi entitajiet pubbliċi, fosthom il-korporazzjoni attriċi, minħabba xi apparat li jista’ jkun hemm, u allura dawn jinfurmawhom appuntu l-pożizzjonijiet ta’ dan l-apparat. F’każ bħal dan anke jħeġġuhom imorru fuq il-post u jpoġġulhom *spray* biex joqgħdu attenti minn dak li jkun midfun. Fil-każ in eżami huma kienu talbu lill-Enemalta biex tagħtihom pjanti dettaljati ta’ fejn qegħdin il-*cables*, iżda skond hu kulma tathom kienu *line drawings* li juru l-*cables*. Qal li l-

Enemalta kienet qaltilhom li ma kienitx *policy* tagħha li tagħti dettalji sħaħ tal-*cable installations*. Qal ukoll testwalment illi "*jekk dawn għalkemm interpellati mill-project manager tagħna, jibqgħu ma jigux, aħna jkollna nistrieħu fuq l-informazzjoni li jkunu tawna, li f'dan il-każ huwa l-line drawing li semmejt iktar 'il fuq u ... nkomplu għaddejjin bil-proġett peress li aħna nkunu taħt pressure kbir biex inlaħħqu mad-deadlines li jkunu ngħatawlna mingħand id-dipartiment tat-toroq.*" Huwa nsista li dan l-inċident ġara minħabba li l-Enemalta naqset milli tagħti d-dettalji neċessarji.

"Fis-seduta tat-18 ta' April, 2005 xehed il-Perit Robert Sant li kien inkarigat mill-Awtorita` tat-Trasport iżda mħallas mill-kuntrattur, li kkonferma li ntlaqtu żewġ *cables*. Qal ukoll illi ntużaw il-*line drawings* u skond hu dan huwa *line drawing tipiku*. Qal ukoll illi "*effettivament dan qiegħed jgħidlek fuq liema naħa tat-triq qiegħed il-cable. Jigifieri dan kien drawing indikattiv, pero` huwa biżżejjed għal ċerti funzjonijiet.*"

"Il-Perit Stuart Azzopardi xehed fis-27 ta' Frar, 2006 u dan insista li l-inċident ġara għaliex il-korporazzjoni attriċi ma tathomx indikazzjonijiet ċara fejn kienu l-*cables* permezz ta' *detail drawings*, iżda tathom biss *site plan drawing fuq skala zgħira* ħafna. Spjega fid-dettal kif isir l-i*spray* u fejn, u qal li f'dan il-każ ma sarx *spray* avolja talbuhom; qal li fil-każ partikolari minħabba d-*deadline* qalilhom li "*ahna ma nistgħux nibqgħu nistennew u ma timmarkawx*", u spiċċa biex qal li "*aħna ħdimna għax konna moħħna mistrieħ illi anke skond il-lined drawing imbagħad huma ġew jimmarkaw fuq dik in-naħa.*"

"Il-Perit Azzopardi ġie kontro-eżaminat ulterjorment fis-seduta tat-22 ta' Novembru, 2006 u nsista li kien nuqqas tal-Enemalta li kkawża l-inċident. Skond hu lanqas huma ma kienu jafu fejn qegħdin il-*cables* in kwistjoni. Qal li wara l-inċident ħaddiema tal-korporazzjoni marru fuq il-post u kellhom dawn id-disinji dettaljati li kien talab għalihom qabel beda x-xogħol.

"Kif jidher allura l-kwistjoni prinċipali hija jekk is-soċjetajiet konvenuti humiex ġustifikati fl-eċċezzjoni tagħhom li l-ħsara kkawżata għandha tigi addebitata lill-istess korporazzjoni attriċi. Il-Qorti ma taqbilx ma' dan. L-ewwel nett jirriżulta li s-soċjetajiet konvenuti kellhom fil-pussess tagħhom disinji li, għalkemm mhux dettaljati kif xtaqu huma, kienu ndikattivi biżżejjed biex ikollhom indikazzjoni preċiża ta' fejn jinsabu l-*cables*. Barra minn dan jirriżulta ċar għall-Qorti li s-soċjetajiet konvenuti baqgħu għaddejjin bix-xogħol anke jekk kienu qed jistennew il-markar bl-i*spray* kif issemma, għaliex kellhom *deadline* mid-Dipartiment tat-Toroq. Jekk dan l-immarkar kien daqshekk importanti s-soċjetajiet konvenuti ma kellhomx ikomplu bix-xogħol ladarba kien hemm il-possibbilta` li jiġri dak li ġara. *Una volta* huma ħadu s-sogru għandhom issa jħallsu għall-ħsara li kkawżaw. Il-fatt li kellhom din id-*deadline* ma kienitx skuża aċċettabbli għaliex kellhom rimedji *oħra* skond il-liġi. *Oltre* dan *a tempo vergine* u *cioe*` meta sar ir-rapport lill-Pulizija d-direttur tas-soċjeta` konvenuta Joe Penza, għalkemm qal li skond is-*site plans* ma kienx hemm *cables*, qal li huma kienu lesti jħallsu d-danni. Kien wara li huma ħadu pożizzjoni differenti u għalkemm dan żgur ma fissirx aċċettazzjoni ta' responsabbilta` kien indikattiv tar-raġuni għaliex ġiet ikkawżata l-ħsara. Rigward l-ammont tad-danni ma kienx hemm kontestazzjoni mis-soċjetajiet konvenuti wara li ġie esebit il-prospett.

"Għal dawn il-motivi l-Qorti filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjetajiet konvenuti tilqa' t-talbiet attriċi u tikkundanna lill-istess soċjetajiet konvenuti jħallsu lill-korporazzjoni attriċi s-somma ta' sittax-il elf, mitejn u sebgħin Euro u tletin ċenteżmu (€16,270.30), ekwivalenti għas-somma mitluba fi flus Maltin u kif ridotta bl-imgħaxijiet kif mitluba. L-ispejjeż jitħallsu mis-soċjetajiet konvenuti."

**Rikors tal-appell tas-socjetajiet konvenuti**

Is-socjetajiet konvenuti hassewhom aggravati bis-sentenza surriferita tal-Qorti tal-ewwel grad u interponew appell minnha b'rikors prezentat fil-5 ta' Mejju 2008. Huma jghidu li l-ewwel Qorti naqset milli taghmel apprezzament

tajjeb u korrett dwar il-kawza vera u proprja tal-hsara u dwar min mill-kontendenti kien verament responsabbili ghad-danni konsegwenzjali. Fil-qosor, l-aggravji taghhom huma s-segwenti:

1. L-ewwel Qorti kienet zbaljata meta qieset li huma kellhom tort ghax ma qrawx il-pjanta moghtija mill-Korporazzjoni appellata b'mod korrett. Huma jsostnu li l-*line drawing* li nghataw kien totalment skorrett billi kien jindika b'mod car li s-servizzi ma kienux fil-lok fejn kien qed isir ix-xoghol. Huma kienu gew accertati anke verbalment mis-socjeta` appellata li fil-post fejn kienu qed jahdmu ma kienx hemm *cables*.
2. It-tieni aggravju huwa li ma jaqblux mal-konkluzzjoni tal-ewwel Qorti li huma hadu sogru li issa jridu jhallsu ghalih. Kienu talbu supervizjoni min-naha tal-Korporazzjoni biex jaghmlu dan it-tip ta' xoghol kif ukoll talbu pjanti dettaljati, immarkar fuq it-triq bl-i*spray* u l-presenza ta' esperti fuq il-post da parti tal-Korporazzjoni appellata.

3. Dwar l-allegata ammissjoni da parti tad-direttur tas-socjeta` konvenuta Joe Penza, l-appellanti jghidu li, kif qalet l-ewwel Qorti stess, din ma kienitx proprjament accettazzjoni ta' responsabilita`, u skond l-appellanti lanqas kienet indikattiva tar-raguni ghaliex giet ikkawzata l-hsara. Ir-raguni vera kienet l-informazzjoni skorretta moghtija mis-socjeta` appellata.

4. F'kaz li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata, l-appellanti jikkontendu li l-imghax kif deciz mill-ewwel Qorti m'ghandux japplika mid-data mitluba mill-Korporazzjoni, cioe` minn meta saret il-hsara, imma mid-data tas-sentenza appelalta, stante li l-kawza saret ghal somma fissa u l-Korporazzjoni ma kienitx ghadha llikwidat l-ammont preciz tant li fil-mori tal-kawza l-ammont gie ridott.

Ghal dawn ir-ragunijiet is-socjetajiet appellanti talbu li din il-Qorti tilqa' l-appell taghhom u tannulla, thassar u tirrevoka tas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fis-16 ta' April 2008 fl-ismijiet premessi u prevja li tilqa' l-

eccezzjonijiet taghhom, tichad it-talbiet tas-socjeta` appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghha.

**Risposta tas-socjeta` appellata.**

Is-socjeta` appellata (ara r-risposta taghha tat-22 ta' Mejju 2008 a fol. 141) tikkontendi li s-sentenza appellata hija wahda gusta u li timmerita li tigi konfermata, prevja c-cahda tal-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti.

**Fatti**

Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza huma fil-qosor kif gej.

Is-socjetajiet konvenuti kienu gew imqabbda mill-ATD biex jesegwixxu appalt konsistenti f'*"construction of Storm Water Culvert and Reconstruction of road from Burmarrad Church to Targa Gap to Qlejja Roundabout*" wara kuntratt u *tender* moghti lill-istess socjetajiet fil-15 ta' Ottubru 2000. Il-konvenuti gabu l-permessi necessarji mill-entitajiet kollha li seta' kellhom xi servizzi ghaddejjin minn taht l-imsemmija triq, inkluza l-Korporazzjoni appellata. Huma talbu li jigi identifikat il-post minn fejn kienu ghaddejjin il-*cables*. Meta kien qed isir ix-xoghol fuq l-appalt imsemmi ntlaqtu xi *cables* u saret hsara. Il-Korporazzjoni Enemalta talbet is-somma ta' €16,555.30, liema somma sussegwentement giet ridotta ghal €16,270.30[1] rapprezentanti d-danni li l-Korporazzjoni appellata tghid li gew kagonati unikament minhabba tort tas-socjetajiet konvenuti.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Ma hemmx dubju li materjalment il-hsara giet ikkawzata mis-socjetajiet konvenuti meta haddiema taghhom kienu qed jaghmlu x-xoghol mqabbad li kien jinkludi thaffir tat-triq. Il-kwistjoni kollha hija jekk kienx tort tal-konvenuti li ntlaqtu l-*cables*, jew tal-Korporazzjoni appellata li, skond l-appellanti, ma ndikatx sewwa lilhom fejn kienu l-*cables*.

[1] Fol. 55.

## Ammissjoni

Dwar l-allegata ammissjoni da parti tad-direttur tas-socjeta` konvenuta Joe Penza[2], l-appellanti jghidu li anke kif iddecidiet l-ewwel Qorti, din ma kienet ammissjoni xejn, u lanqas kienet indikattiva tar-raguni ghaliex giet ikkawzata l-hsara. Ghall-appellanti, r-raguni vera ghall-incident kienet li l-informazzjoni moghtija mill-Korporazzjoni appellata kienet skorretta.

Minn qari akkurat tal-okkorrenza tal-Pulizija, li fiha hemm din is-suppost assunzjoni ta' responsabbilta`, jirrizulta li ghalkemm hemm imnizzel fiha li "*Joe Penza, Director of said company, stated that same are going to make good for the damage caused to said cables*", fl-istess okkorrenza hemm imnizzel ukoll, li ghalkemm il-Korporazzjoni Enemalta "*provided them with maps indicating where the cables were, it resulted that same were about two meters away from where shown on the maps*" u hemm ukoll li "*no indication paint was marked on the surface of the road so as to mark said cables, but same paint was marked further up the road*".

Fil-fehma ta' din il-Qorti, ghalkemm jidher li Joe Penza, wara l-incident, kien lest li jaghmel tajjeb ghal hsara kagunata, izda fl-istess hin huwa kien qed jghid ukoll li t-tort ma kienx taghhom billi ma giex immarkat mill-Korporazzjoni b'mod preciz fejn kienu l-*cables*. Ghalhekk, apparti li l-esperjenza tghallem li dawn l-okkorrenzi xejn ma jkunu akkurati, dak li qal Penza ma jistax jigi kunsidrat bhala assunzjoni ta' responsabilita` anzi aktar hu indikattiv li l-hsara giet ikkagonata mhux tort taghhom. F'dan is-sens biss ghalhekk it-tielet aggravju tal-appellanti qed jigi milqugh.

## Pjanta moghtija mill-Korporazzjoni appellata

L-aggravju principali tal-appellanti huwa li l-ewwel Qorti kienet skorretta meta kkonkludiet li l-konvenuti kienu

[2] Ara okkorrenza a fol. 31.

responsabbili ghall-incident billi qraw il-pjanta moghtija lilhom bil-maqlub. L-appellanti jsostnu li l-*line drawing* li nghataw kien totalment skorrett u ma kienx jindika b'mod car fejn kienu s-servizzi.

Is-socjetajiet appellanti spjegaw li l-incident in kwistjoni sehh biss billi l-Korporazzjoni Enemalta naqset milli taghtihom id-dettalji necessarji li talbuha. Ikomplu jsostnu li kieku l-Korporazzjoni mmarkat fejn qeghdin il-*cables* bl-i*spray* u baghtet l-inginiera taghha fuq is-sit ghal supervizjoni tax-xoghlijiet kif talbu, dan l-incident ma kienx isehh. L-unika informazzjoni li kellhom kienet il-*line drawing* Dok CPX a fol. 42, u l-Korporazzjoni rrifjutat li taghtihom il-*full details* tal-*cable installations* ezistenti fit-triq billi *"it was against their policies to forward such detailed information"*.

Ma hemmx dubju li f'dan il-kaz l-appellanti kienu talbu minghand l-entitajiet li kellhom is-servizzi f'dik it-triq, fosthom il-Korporazzjoni appellata, informazzjoni dwar fejn kienu qeghdin is-servizzi taghhom qabel ma jibdew bix-xoghol u dan partikolarment f'dan il-kaz billi l-appellanti kienu se jaghmlu *surface culvert*, fejn jigbru s-servizzi kollha go fih. Jirrizulta wkoll, u mhux kontestat, li l-Korporazzjoni appellata ghaddiet lill-appellanti *line drawing* Dok CPX fejn indikat minn fejn kienu ghaddejjin il-*cables*.

Il-Korporazzjoni appellata tissottometti li l-incident gara billi l-perit inkarigat mill-progett mill-appellanti u l-kuntrattur kienu qraw din il-mappa li tawhom bil-maqlub. Hija tinsisti li dan jirrizulta mix-xhieda ta' Charles Fenech, Senior Principal Technical Officer mal-Korporazzjoni appellata, li kkonferma bil-gurament li dan id-diskors kien qalulu l-Perit Stuart Azzopardi meta marru fuq il-post tal-incident. Min-naha l-ohra l-appellanti jichdu li l-incident gara minhabba din ir-raguni, u l-istess perit fix-xhieda tieghu quddiem l-ewwel Qorti nnega li qal dak id-diskors. Huwa jinsisti li, taqraha kif taqraha, il-mappa tibqa' l-istess billi hemm *fixed points* bhal ma hija l-Knisja, ghalhekk wiehed ma jistax jizbalja, ihares lejha kif ihares lejha.

Nonostante l-posizzjoni li hadu z-zewg partijiet, jibqa’ l-fatt inkontestat li l-appellanti laqtu l-*cable* precizament fil-parti tat-triq fejn il-*cable* gie ndikat lill-appellanti fuq il-mappa mill-Korporazzjoni appellata. Il-Qorti ghalhekk kellha tara ghaliex intlaqat il-*cable*, jekk hux minhabba traskuragni tal-appellanti, jew ghax l-indikazzjoni fuq il-mappa moghtija mill-Korporazzjoni kienet skorretta jew ma kellhiex dettalji bizzejjed.

Jirrizulta li mid-dokument CPX esebit li fih hemm indikazzjoni cara u sufficjenti minn fejn kien ghaddej il-*cable*. Charles Fenech xehed li l-*cables* li kien hemm taht l-art gew indikati kemm ’il darba lill-kuntrattur permezz ta’ pjanta li hemm fil-*file* E/E 145/222/01 kif ukoll li l-kuntrattur inghata struzzjonijiet verbali minghand il-*jointers* Mario Lia u Ronnie Caruana. Ix-xoghol, kif jidher mill-pjanta, kien qed isir fi Triq Toni Camilleri u l-*cable* kien ghaddej, meta thares lejn il-Knisja, fuq ix-xellu gtat-triq magenb il-knisja. L-appellanti jghidu li huma kienu qed jahdmu fuq in-naha tal-lemin ta’ dik it-triq. Il-Perit Stuart Azzopardi xehed li meta tal-Enemalta staqsewhom f’liema naha kienu ser jahdmu hu qallhom li kienu ser jahdmu fuq in-naha ta’ Piscopo u cioe` fuq in-naha tal-lemin ta’ Triq Toni Camilleri u dawn wiegbuh li ghalhekk ma kienx hemm inkwiet billi l-*cables* kienu qeghdin iktar lejn in-naha tal-Knsija. Il-Perit Azzopardi jghid ukoll li kien ghalhekk li tal-Enemalta ma mmarkawx fejn kienu bl-i*spray*.

Issa, meta wiehed ihares lejn il-pjanta CPX l-unika mod kif setghu ntlaqtu il-*cables* kien billi l-appellanti ma qrawx il-pjanta korrettement b’mod li dak li kien hemm fuq in-naha tal-lemin tat-triq hasbuh li kien minflok fuq in-naha ix-xellug. Tant huwa hekk, li ghalkemm jghidu li fejn kienu qed jahdmu ma kienx hemm *cables* fil-fatt jirrizulta li hadmu, fejn skond il-pjanta, kien hemm *cables* ghaddejjin. Kuntrajament ghal dak li qalu l-appellanti, l-Korporazzjoni ma setghetx tghidilhom li fejn kienu ser jahdmu, cioe` fuq il-lemin, ma kienx hemm *cables* meta fil-fatt il-pjanta kienet qed turi mod iehor. Fejn hadmu l-appellanti kien hemm il-cables ghaddejjin.  Inoltre meta il-Perit Robert Sant, perit inkarigat mill-ADT, gie mistoqsi fuq kontroezami fejn kienu qed ihaffru, x-xhud wiegeb li dik it-

triq kienet inqalghet kollha[3]. Ghalhekk ma kienitx biss kwistjoni li qed tinqala' naha u mhux ohra tat-triq imma x-xoghol kien jinvolvi z-zewg nahat tat-triq u l-*cables* intlaqtu x'imkien f'dik l-*area* li giet indikata bil-blu fil-pjanta CPX.

L-appellanti jissottomettu wkoll (ara tieni aggravju) li huma talbu li jkun hemm supervizjoni u presenza ta' esperti da parti tal-Korporazzjoni appellata fuq il-post tax-xoghol u talbu li tigi mmarkata it-triq bl-i*spray*.

Jirrizulta mill-provi li l-Korporazzjoni kienet tat l-appellanti l-*line drawing* imsemmi, kif ukoll kienet immarkat il-parti minn fejn kienu ghaddejjin il-*cables*. Il-Perit Azzopardi jghid, pero`, li l-Korporazzjoni appellata mmarkat fejn id-dahla ta' Bonnici, cioe` 'l fuq lejn it-telgha tal-Qlejja, izda ma mmarkatx in-naha tal-Knsija fejn effettivament kienu ser jahdmu. Min-naha l-ohra l-Korporazzjoni tghid li l-*policy* taghha hija li ghal kull parti tat-triq fejn ikun ser jahdem il-kuntrattur, il-Korporazzjoni taghmel l-i*spray* fit-triq u meta l-kuntrattur ilesti dik il-parti hu jrid jerga' jinforma lill-Korporazzjoni dwar il-parti li jkun imiss li tinhadem biex imorru jimmarkaw mill-gdid. Hu l-obbligu tal-kuntrattur li jinfurma lill-Korporazzjoni fil-hin, u jaghtiha preavviz adegwat, biex din tibghat in-nies fuq il-post u jimmarkaw. Fil-kaz in ezami jirrizulta li l-Korporazzjoni kienet indikat bil-pjanta fejn kien hemm il-*cables* imma, skond l-appellanti, ghalkemm huma kienu talbu lill-Korporazzjoni appellata biex timmarka bl-i*spray* fil-parti fejn kienu ser jahdmu, il-Korporazzjoni ma mmarkatx. Jidher li fuq din il-kwistjoni l-appellanti mhumiex cari, billi daqqa jghidu li l-Korporazzjoni injorat it-talba taghhom biex timmarka u daqqa ohra jghidu li l-Korporazzjoni qaltilhom li ma kienx hemm bzonn li timmarka billi fejn kienu ser jahdmu ma kienx hemm *cables*. Fil-fehma ta' din il-Qorti jidher li anke jekk l-appellanti talbu biex il-Korporazzjoni timmarka, u dan avolja kellhom il-mappa bl-indikazzjoni ta' fejn kienu l-*cables*, <u>l-appellanti ma nsistewx mal-Korporazzjoni</u>, imma billi kienu mghagglin u kellhom *deadlines,* komplew ihaffru u laqtu l-*cables*. It-tort ghalhekk ma jistax jigi addebitat lill-Korporazzjoni

[3] Ara fol. 50.

appellata jekk l-appellanti dehrilhom li ma kellhomx jistennew jew jinsistu mal-Korporazzjoni biex timmarka bl-i*spray*.

Lanqas ma jidhrilha din il-Qorti li kien hemm bzonn fil-kaz partikolari li jkun hemm supervizzjoni kontinwa bi prezenza ta' esperti tal-Korporazzjoni biex tithaffer trinka, aktar u aktar meta l-appellanti kienu nghataw informazzjoni sufficjenti biex joperaw bla perikolu.

Ghalhekk l-aggravju principali mressaq mis-socjetajiet appellanti ma jisthoqlux li jigi milqugh billi huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt.

L-ahhar aggravju tal-appellanti huwa dwar l-imghax akkordat mill-ewwel Qorti, u cioe` dwar id-decizjoni li dan ghandu japplika mid-data mitluba mill-Korporazzjoni. Il-principju legali *in illiquidis non fit mora* jista' jigi derogat f'certi cirkustanzi. Fil-gurisprudenza gie accettat li meta l-ammont ikun indikat fl-att tac-citazzjoni, allura huwa permissibbli "ghall-Qorti li tordna..." li fuq dak l-ammont, jew fuq ammont inferjuri ghal dak indikat, jibda jiddekorri l-imghax mid-data tal-prezentata tal-att tac-citazzjoni.

Fil-kaz in ezami t-talba tal-Korporazzjoni fic-citazzjoni kienet ghal somma specifika li giet ridotta fil-kors tal-kawza. Fil-fehma tal-Qorti l-imghax ghandu jibda jiddekorri mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni, u mhux kif mitlub mill-Korporazzjoni cioe` mid-data tal-hsara.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi, prevja li tilqa' l-ewwel u r-raba' aggravju, tichad l-appell principali tal-appellanti u tikkonferma s-sentenza appellata b'dan li l-imghax ghandu jibda jiddekorri mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni. L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif deciz mill-ewwel Qorti, u dawk tal-appell jithallsu kwantu ghal tliet kwarti ($^3/_4$) mis-socjetajiet appellanti solidament bejniethom, u kwart ($^1/_4$) mill-Korporazzjoni appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------